MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2013

Citazzjoni Numru. 286/2012

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet:

Illi l-esponenti hija mizzewga lil-intimat C B liema zwieg kien gie kkuntrattat fit-12 ta’ Dicembru, 2000, u jezistu proceduri pendenti ghal separazzjoni personali bejn il-konjugi B;

Illi fis-26 ta’ April, 2012, l-esponenti weldet tifla bl-isem ta’ X B (vide Dok. ‘A’) u l-intimat C B gie ndikat bhala misier it-tarbija;

Illi l-esponenti kellha u ghad ghandha relazzjoni mal-intimat D E u dan mill-2009 u cioe` relazzjoni li ilha ghaddejja ghal dawn l-ahhar tlett snin u nofs;

Illi fil-fatt, precedentement, l-esponenti u l-intimat D E twilditilhom tarbija fl-14 ta’ Mejju, 2011 bl-isem ta’ Gayle u dwar dan, inghatat sentenza minn din l-Onorabbli Qorti fit-23 ta’ Jannar 2012 li manifestament turi li bhala fatt, l-esponenti u l-intimat D E kienu gja f’relazzjoni (vide Dok. ‘B’);

Illi fil-fehma tal-esponenti, it-tifla X hija wkoll bint l-intimat D E kif jirrizulta mid-DNA Paternity Test Report hawn annes u mmarkat bhala ‘Dok. D’ u mhux tal-intimat C B li erronjament gie ndikat bhala missier naturali fuq ic-certifikat tat-twelid ta’ X.

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara ai finijiet u l-effetti kollha tal-ligi li l-intimat C B mhux il-missier naturali tat-tifla minuri bl-isem X;
2. Tiddikjara ghal-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi, li l-intimat D E huwa l-missier naturali tat-tifla minuri bl-isem X;
3. Tordna t-thassir ta’ isem u kunjom l-intimat C Sciluna mill-kolonna ‘isem u konjom missier it-tarbija’ mic-certifikat tat-twelid *de quo* u jigi sostitwit bl-isem ta’ D E; fit-tielet kolonna jitnehha n-numru tal-Karta tal-Identita` Numru 129175(M) u jkunu sostitwiti bin-numru tal-Karta tal-Identita Numru 309571 (M); fir-raba’ kolonna jitnehha n-numru ‘37’ bhala eta` tal-intimat C B fid-data tat-twelid tat-tifla u minflok jigi sostitwit bin-numru ‘41’ bhal l-eta` tal-intimat D E; fl-ahhar kolonna jigi kancellat il-kliem ‘Joseph B’ bhal missier l-intimat C B u minflok jigi sostitwit b’ ‘Paul E’ bhala missier l-intimat D E.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li *n forza* taghha huwa eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok huwa indispensabbli għall-integrità tal-ġudizzju li tiġi msejħa fil-kawża l-minuri X B u li għandha tkun debitament rappreżentata minn kuratur jew tutur maħtur mill-Qorti;

2. Illi in vena preliminari wkoll jingħad li *stante* l-fatt li għaddew ikar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri X, din l-azzjoni kellha tkun preċeduta minn rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) *ai termini* tal-**artikolu 77Ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semgħet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri X, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti għall-proċediment tal-azzjoni odjerna;

1. Illi bla ebda preġudizzju għas-suespost, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri X, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f'isimha proprju trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal- minuri X, kellha relazzjoni extra-maritali ma' l-intimat D E u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jistà wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jindikaw lil D E bħala l-missier naturali tal-imsemmija minuri X, u dan *ai termini* tal-**Artikoli 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt tegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta' stat tal-minuri X ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħha li jġib in-numru ta' skrizzjoni 2521 tas-sena 2012;

4. Illi dejjem bla ħsara għal dak fuq premess, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponenti jinvita lill-istess D E sabiex permezz ta' nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) il-post tat-twelid tiegħu, (2) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldu l-imsemmija minuri, u (3) jekk il-missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet it-tifla X. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita X;

5. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem C B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 2521 tas-sena 2012;

6. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti il-minuri X irid jagħżel liema kunjom ħa żżomm wara l-annotazzjonijiet rispettivi;

7. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u għalhekk huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi din il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attrici ghal bdil fic-certifikat tal-minuri X B stante li hija tikkontendi li ghalkemm l-imsemmija minuri twieldet waqt li l-istess rikorrenti kienet ghaddejja minn proceduri ta' separazzjoni minn mal-intimat C B u konsegwentement, l-imsemmija minuri giet imnizzla bhala l-wild naturali tal-istess intimat C B, fil-fatt, l-istess minuri hija l-wild naturali tal-intimat l-iehor D E u ghalhekk l-attrici talbet lil din il-Qorti sabiex tordna l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri sabiex dan jigi mibdul fis-sens li fil-kolonna relattiva tal-missier tal-imsemmija tarbija jigu mnizzla l-konnotati kollha tal-intimat D E minflok dawk tal-intimat C B.

**<u>Il-Verzjoni Attrici</u>**

L-attrici tghid li hija zzewget lill-intimat C B nhar it-12 ta' Dicembru 2000, liema zwieg tkisser tant li ghaddejjin proceduri ta' separazzjoni bejn il-partijiet. Tghid li ilha separata *de facto* minn mal-intimat zewgha sa' mis-7 ta' Mejju 2008 u konsegwentement ma hemm ebda possibilita' li l-minuri li X B[1] li twieldet nhar is-26 ta' April 2012, hija l-bint naturali tal-istess zewgha. Hija tikkontendi li fis-sena 2009 bdiet ir-relazzjoni taghha mal-intimat l-iehor D E u frott ta' din ir-relazzjoni l-ewwel kellhom lill-minuri Gayle u issa lill-minuri X. Fil-fatt l-istess rikorrenti tesebixxi sentenza ta' din il-Qorti datata t-23 ta' Jannar 2012 li turi li l-minuri Gayle giet dikjarata bhala bint D E u r-rikorrenti[2] u mhux il-wild naturali tal-intimat C B.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz</u>**

Il-Qorti tirrileva li l-minuri X B twieldet nhar is-26 ta' April 2012 u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid taghha esebit a fol 5 tal-process. *Stante* li l-attrici u l-intimat C B ghadhom sal-lum mhux legalment separati u stante l-presunzjoni legali relatata mal-mizzewgin, l-intimat C B gie mnizzel bhala l-missier tal-imsemmija tarbija. Dan

[1] Ara c-certifikat tal-minuri esebit a fol 5 tal-process
[2] Ara s-sentenza esebita a fol 7 tal-process

necessarjament ifisser li l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ma kellu ebda alternattiva ohra hlief li jnizzel lil din il-minuri bhala l-wild naturali tal-attrici u l-intimat imsemmi. Min-naha taghha, r-rikorrenti tghid li mhux possibbli li l-intimat huwa missier il-minuri *stante* li huma kienu ilhom separati *de facto* mis-sena 2008.

L-intimat D E min-naha tieghu, permezz tal-affidavit ipprezentat in atti[3], jikkonferma li l-minuri hija bintu naturali tant li jghid li hu u r-rikorrenti ilhom jghixu flimkien sa minn Marzu 2009 u li ghandu interess li tigi registrata f'ismu.

**<u>Dwar l-Eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku</u>**

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni u cioe' li l-minuri ghandha tkun debitament rapprezentata minn kuratur jew tutur mahtur mill-Qorti, il-Qorti taghmel referenza ghar-rikors tar-rikorrenti datat l-4 ta' Dicembru 2012[4] sabiex tinhatar bhala kuratrici tal-imsemmija minuri X u d-digriet tal-Qorti datat il-11 ta' Dicembru 2012[5] li laqa' l-istess talba u konsegwentement jigi rilevat li l-ewwel eccezzjoni giet survolata.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni u cioe' li kienu ghaddew aktar minn sitt xhur mit-twelid tal-imsemmija tarbija meta giet intavolata l-kawza odjerna u konsegwentement kellha tkun preceduta minn rikors appositu *ai termini* tal-Artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tirrileva li tali eccezzjoni giet irtirata mid-direttur tar-registru pubbliku fl-udjenza tad-19 ta' Gunju 2013 u konsegwentement m'hemm ebda raguni ghaliex il-Qorti ghandha tidhol f'din il-kwistjoni.

Il-Qorti tirrileva li l-eccezzjonijiet l-ohra tad-Direttur tar-Registru Pubbliku jduru kollha fuq il-mertu tal-kaz odjern u cioe' jekk l-attrici rnexxilhiex taghti prova sal-livell rikjest mill-ligi li c-certifikat tal-minuri ma jirriflettix il-verita u konsegwentement, rnexxilhiex tissorpassa u teghleb il-

[3] Ara a fol 34 tal-process
[4] Esebit a fol 30 tal-process
[5] Esebit a fol 32 tal-process

presunzjonijiet legali msemmija minnu stess. Naturalment, tali prova tista' facilment u bl-aktar mod kategoriku tingieb permezz ta' DNA test li huwa meqjus bhala l-prova regina f'dawn it-tip ta' kawzi. L-Qorti taghmel referenza ghad-DNA test esebit in atti[6] li juri bhala stat ta' fatt li l-missier naturali tal-minuri X B huwa proprju D E u mhux C B.

Min-naha l-ohra, il-Qorti tirrileva wkoll li fic-cirkustanzi, stante li huwa cert anke b'mod xjentifiku li l-intimat C B m'huwiex il-missier tal-imsemmija tarbija, huwa fl-ahjar interessi tal-istess minuri li ghall-anqas ic-certifikat tat-twelid taghha ma jkunx jindika persuna li huwa missierha meta huwa evidenti li dan mhuwiex missierha.

Illi in vista ta' dak suespost u in vista tad-*DNA test* li ma jhalli ebda ombra ta' dubju dwar il-paternita' tal-istess minuri, il-Qorti hija konvinta li jezistu dawk l-elementi necessarji sabiex jinghelbu l-presunzjonijiet tal-ligi sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid tal-minuri hekk kif mitlub.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tiddikjara li l-intimat C B mhux il-missier tal-minuri bl-isem X;
(2) Tiddikjara li l-intimat D E huwa l-missier naturali tal-istess minuri X;

(3) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-minuri X hekk kif mitlub u dan billi:

(a) fil-kolonna 'isem u kunjom missier it-tarbija' jigi kancellat u sostitwit b'D E;
(b) fit-tielet kolonna jitnehha n-numru tal-karta tal-identita' ta' C B u jigi sostitwit bin-numru tal-karta tal-identita' ta' D E u cioe' 309571M;

[6] Ara a fol 14 tal-process

(c) fir-raba' kolonna jitnehha n-numru '37' u jigi sostitwit bin-numru '41' li jirrifletti l-eta' ta' D E fid-data tat-twelid tal-imsemmija minuri;
(d) fl-ahhar kolonna jigi kancellat il-kliem 'Joseph B' bhala missier l-intimat C B u jigi sostitwit bl-isem ta' 'Paul E' bhala missier D E.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------